www.santamarija.com

# Festa Titulari
# Santa Marija, Mqabba 2014



# Programm Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V

## *Il-Ħadd 10 t'Awwissu 2014*

***Taħt il-Patroċinju ta' l-E.T. President ta' Malta***
***Sinjura Marie Louise Coleiro Preca***

## Festa Santa Marija 2014: 25 Festa ta' Carmel Zahra bħala President

Carmel Zahra twieled l-Imqabba nhar is-26 ta' Ottubru, iben Joseph Zahra u M'Grace nee' Zammit. Huwa l-ikbar wiehed minn familja ta' hdax il-ahwa.

Ha l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Imqabba u dik sekondarja fil-Kullegg St. Albert the Great u minn hemm kompla fit-Technical Institute Paola. Izda x-xoghol manwali kien aktar joghbu mill-bank tal-iskola u ghalhekk sa minn eta' zghira beda jahdem fl-industrija tal-gebel, l-ewwel bhala mpjegat ma' missieru u aktar tard self-employed bhala sid il-barriera. Ix-xoghol f'din l-industrija kien inkrepattiv hafna u ghalhekk fl-1984 beda jahdem bix-xarabank tieghu stess ghal ftit zmien. Il-kuntatt mal-ingenji kien pjagevoli ghalih u ghalhekk sar importatur tal-ingenji uzati u din l-esperjenza fin-negozju ta' xiri u bejgh kienet bizzejjed biex espanda u dahal fl-industrija tal-bini, artijiet u rinovazzjoni ta' bini antik. Fl-1998 sar Direttur Manigerjali tas-sala tat-tigijiet Palazzo Nobile u illum huwa pensjonant. Huwa mizzewweg lil Mary nee' Sciberras, ghandu tlett itfal, Adrian, Claudine u Louise u nannu ta' Gabriel u Mirayne. Joqghod fil-limiti tas-Siggiewi.

Sa minn zoghzitu kellu herqa kbira ghall-Festa tant li beda jahdem fid-delizzju tan-nar. Hafna minna ghadhom jiftakru l-kaxxa nfernali kbira li kien ghamel flimkien ma Joe Sciberras (tal-Labbru) u Joe Borg (tad-Dovik) nhar il-Hadd 7 ta' Awissu 1966 waqt li l-Istatwa devota ta' Santa Marija kienet qeghda tingarr solennement mill-Kleru u Banda mill-Kappella tad-Duluri sal-Knisja Parrokkjali wara li kien sarilha r-restawr mehtieg mill-artist Samuel Bugeja gewwa l-Imdina. Izda hu xtaq li l-hidma u l-kontribut tieghu ikunu aktar immirati direttament fit-tmexxija tas-Socjeta li ghalih kienet wisq ghaziza. Ghalhekk fl-1986 sar membru tal-Kumitat Centrali u bejn l-1998 u l-1990 okkupa il-kariga ta' Segretarju tas-Socjeta'. Fl-1990 inhatar bhala President u zgur li qatt ma basar li din il-kariga kien ser jibqa jokkupha ghal tant zmien twil. Tant li illum qeghdin niccelebraw il-hamsa u ghoxrin sena aniniversarju tal-Presidenza tieghu li kienet wahda minghajr ebda interruzzjoni.

L-esperjenza kbira li ghandu fil-bini issarfet f'gid kbir ghas-Socjeta' ghax dawn is-snin kollha kienu ikkaraterizzati minn programm shih ta' tibdil strutturali fis-Sede tas-Socjeta' kif ukoll embelliment tal-istess Kazin. Kif ser naraw aktar il quddiem saru diversi progetti imma l-aktar progetti hekk msejha kbar kienu bla dubju ta' xejn il-bini tat-tieni mahzen u s-sala li nbniet fuqhom, il-progett tas-Sala Marija Assunta bid-diversi pitturi li jzennuha biex b'hekk saret gawhra ta' post kulturali u l-qofol ta' kollox kienet l-estensjoni tal-Kazin li giet inawgurata propju fil-festi tac-centinarju tas-Socjeta'. Progett iehor li ser isir din is-sena u li hu ferm ghal qalbu tant li hadem ghalih bla mistrieh ser ikun l-Istatwa ta' Santa Marija li ser titpogga fl-inhawi tal-Mintna.

# Festa Titulari ta’ Santa Marija
## fl-Imqabba mit-30 ta’ Lulju sat-22 t’Awwissu 2014

Irnexxielu jissoda l-pedamenti tas-Socjeta’ u ikabbar l-Festa ta’ Santa Marija bis-shih matul dawn is-snin kollha, kemm fl-organizzazzjoni taghha, kif ukoll ma’ dak kollu li ghandu x’jaqsam mal-banda, armar u piroteknika. Sa mill-bidu biddel l-istatut sabiex l-isem sar Socjeta’ Santa Marija u Banda Re Gorg V u l-Fergha tan-Nisa giet rikonoxxuta formalment fl-istess statut. Twieldet is-Sezzjoni Zghazagh, u issahhew l-Ghaqda tal-Armar, l-Ghaqda tan-Nar u l-Kummissjoni Banda. Dan kollu wassal biex ikun hemm organizzazzjoni shiha li wasslet ghal diversi rebh ta’ unuri minn dawn l-ghaqdiet kemm fuq livell Nazzjonali kif ukoll dak Internazzjonali. B’hekk indirettament irnexxielu jgholli l-isem tas-Socjeta minn wahda ta’ rahal zghir ghal ohra li tpoggiet fil-klassi tas-Socjetajiet kbar Maltin.

Saru diversi zjarat minn hafna personalitajiet distinti kemm fil-hajja Maltija kif ukoll barranija. Laqgha memorabbli kienet dik tad-29 ta’ Mejju 1992 meta ltaqa’ mar-Regina Elizabetta II waqt iz-zjara Rjali li ghamlet hawn Malta.

Karatteristika importanti fit-tmexxija tieghu hija bla dubju ta’ xejn il-hila kif, bil-hsibijiet moderati tieghu li jhaddan, jirnexxielu jghaqqad il-maggoranza mal-minoranza meta jkun hemm diversita’ ta’ opinjoni. Fuq il-mejda tan-negozzjar joqghod jisma’ bil-kalma lil kull min ikollu jghid xi haga anke jekk forsi ma jkunx qieghed jaqbel mal-idejat issugeriti. Bil-pacenzja jixtarr u jizen dak li jkun intqal u dlonk jipprova isib soluzzjoni. Dan id-don kien strumentali sabiex il-Festa ta’ Santa Marija 2012 seghtet issir meta waqt id-diskussjonijiet li saru wera dan l-ispirtu ta’ ghaqal, djalogu genwin u rieda tajba. Dejjem jipriedka li biex niccelebraw m’hemmx ghalfejn inwegghu lil haddiehor. Il-piki zejda ma humiex fid-dizzjunarju tieghu. Meta jghid li hemm bzonn ssir xi haga kien ikun hu stess li minn ta’ l-ewwel kien ixammar il-komma u jmid idejh. Qatt ma harab mix-xoghol u r-responsabbilta’.

Dan ix-xoghol kollu mimli ghaqal u bzulija wassal lil dan il-President hekk habrieki li f’Jum l-Imqabba 2010 jinghata Gieh l-Imqabba.



**Carmel Zahra bhala President tas-Socjeta’, jiehu b’idejn ir-Regina Elizabetta II waqt laqgha ma’ Kazini tal-Baned Maltin li jgorru isem Irjali.**

# Programm
# Vokali u Strumentali

| | | |
|---|---|---|
| Innu tal-Imqabba | **Lil Raħal Twelidi** | Anthony Camilleri |
| Omaggio | **Al Circolo Giorgio V - Est. 1910** | David Agius |
| Theme | **The Olympic Spirit** | John Williams<br>(Arr. Alfred Farrugia |
| Homage | **To the President** | David Agius |
| Song | **Tragedy**<br>Tkanta: Federica Falzon | Bard/Hanson/Kempe<br>(Arr. J.D. Zammit) |
| Song | **Chanson d'Amour**<br>Solista (Sax Tenor): Victor Galea | Wayne Shanklin<br>(Arr. Josef Grech) |
| Song | **O Sole Mio**<br>Ikanta: Ludwig Galea | Capuro/Di Capua<br>(Arr. Luciano Apap) |
| Film Music | **Music from 'The Incredibles'** | Michael Giacchino<br>(Arr. Jay Bocook) |
| Song | **I Want to Spend my Lifetime Loving you**<br>Ikantaw: Federica Falzon u Ludwig Galea | James Horner<br>(Arr. Josef Grech) |
| Film music | **Music from Braveheart** | James Horner<br>(Arr. Johnnie Vinson) |
| Medley | **Santana - A Portrait** | Arr. Gian. Gazzani |
| Innu | **Marija Assunta** | Leonard Farrugia |
| Innu | **Banda Re Ġorġ V** | Anthony Camilleri |

**Surmast Direttur:** Mro. David Agius A. (Mus.) L.C.M., A. (Mus.) V.C.M. Hons., A.L.C.M.

**Jippreżentaw:** Sinjura Remenda Borg Grech u Sur Keith Demicoli

*Flyer design: Alfred Galea - 2014*